

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-isparju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Hungary

## My e-Justice space

Ungerija

Ungerija



Fl-Ungerija, is-servizzi online huma disponibbli permezz tas-sit web [magyarország.hu](http://magyarország.hu), li jinkludi linji gwida għal kull servizz. Sabiex jaċċessaw is-servizzi elettroniċi, l-utenti jridu jawtentikaw l-identità tagħhom permezz tal-Aġent Ċentrali tal-Awtentikazzjoni tal-Klijent (Központi Azonosítási Ügynök; KAA). Hemm erba' modi kif dan jista' jsir:

- Billi jilloggjaw fil-portal "Ügyfélkapu" ("gateway għall-klijenti" bil-Malti). Kemm iċ-ċittadini tal-Ungerija u tal-pajjiżi taż-ŻEE kif ukoll iċ-ċittadini minn barra ż-ŻEE jistgħu joħolqu kont.
- permezz ta' karta tal-identità elettronika
- identifikazzjoni permezz ta' Telefown b'Kodiċi Parzjali
- identifikazzjoni permezz tar-rikonoxximent tal-wiċċ

Huwa possibbli wkoll li jinħoloq kont fuq Ügyfélkapu b'mod elettroniku permezz ta' karta tal-identità elettronika maħruġa wara l-2016. Fin-nuqqas ta' karta tal-identità elettronika, il-kont jista' jinħoloq biss wiċċ imb wiċċ.

Wara l-awtentikazzjoni u l-għażla tas-servizz xieraq, l-utent jiġi dirett mill-ġdid lejn is-servizz fuq <https://www.nyilvantarto.hu/> (li huwa parti minn magyarország.hu).

Għalkemm it-talbiet jistgħu jsiru online, kwalunkwe dokumentazzjoni tintbagħat bil-posta jew tista' tinġabar personalment f'uffiċċju tal-gvern.

## Possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal għajjnuna legali

Ma huwiex possibbli li jiġi ppreżentat rikors għal għajjnuna legali permezz ta' formoli elettroniċi.

## Kumpens

Ma hemm l-ebda portal, għodda jew sit web apposta biex jiġu ppreżentati talbiet online għad-danni.

## Ftuħ ta' kawża ċivili online

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Mill-1 ta' Jannar 2018, ċerti kawżi ċivili jistgħu jinfetħu biss online. Permezz tas-servizz "e-Per" tal-qorti Ungeriża (birosag.hu) huwa possibbli li jinfetħu kawżi fil-qrati. Permezz tas-software Ġenerali għall-mili tal-formola (Általános nyomtatványkitöltő program (ÁNYK)) u l-login permezz tal-Aġent Ċentrali tal-Awtentikazzjoni tal-Klijent huwa possibbli li tintbagħat il-formola rilevanti u

kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti lill-Qorti. Il-formoli speċifiċi jistgħu jinstabu fuq dan is-sit [web](#). Il-pagament huwa possibbli fuq is-sit [web speċifiku għall-pagamenti](#).

[L-Att CCXXII tal-2015 dwar ir-regoli ġenerali applikabbli għall-amministrazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji](#) (“I-Att CCXXII tal-2015”), dawk legalment meħtieġa li jużaw il-komunikazzjoni elettronika (eż. rappreżentanti legali u kumpaniji) iridu jissottomettu l-applikazzjonijiet kollha lill-qorti b’mezzi elettroniċi biss, bil-mod previst fl-Att CCXXII tal-2015 u d-digriet ta’ implimentazzjoni tiegħu. Il-qorti tinnotifikalhom ukoll id-dokumenti permezz ta’ mezzi elettroniċi.

Awtorità kompetenti: Il-Qrati tal-Ungerija

Kundizzjonijiet ta’ aċċess:

- [Rekwiżiti tal-eliġibbiltà](#): Sabiex il-formoli jiġu sottomessi online, huwa meħtieġ li wieħed ikun jista’ jilloggja permezz tal-Aġent Ċentrali tal-Awtentikazzjoni tal-Klijent.
- [Rekwiżiti ta’ identifikazzjoni u awtentikazzjoni](#): Permezz tal-“gateway għall-klijenti” (Ügyfélkapu).
- [Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti](#): Skont it-tip ta’ każ li għandu jinbeda, il-formola speċifika tispeċifika d-dokumenti li għandhom jiġu meħmuża.

Effetti legali ta’ dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Jiddependi mill-każ.

Link: <https://birosag.hu/ugyfeleknek/elektronikus-ugyintezes/elektronikus-kapcsolattartas>

Aktar informazzjoni dwar kif tibda kawża ċivili online fl-Ungerija hija disponibbli [hawnhekk](#).

---

## Notifika elettronika ta’ dokumenti ġudizzjarji

Għan u kamp ta’ applikazzjoni: Skont l-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati b’mod elettroniku f’każ ta’ komunikazzjoni elettronika obligatorja jew fakultattiva. Skont [l-Att CCXXII tal-2015 dwar ir-regoli ġenerali applikabbli għall-amministrazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji](#) (“I-Att CCXXII tal-2015”), dawk li huma legalment meħtieġa jużaw komunikazzjoni elettronika (eż. rappreżentanti legali u kumpaniji) iridu jissottomettu r-rikorsi kollha lill-qorti b’mezzi elettroniċi biss, bil-mod previst fl-Att CCXXII tal-2015 u d-digriet ta’ implimentazzjoni tiegħu. Il-qorti tinnotifika wkoll id-dokumenti ġudizzjarji b’mezzi elettroniċi.

Id-dokumenti jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit [web ta’ E-Akta](#).

Awtorità kompetenti: Il-Qrati tal-Ungerija

Kundizzjonijiet ta’ aċċess:

- [Rekwiżiti tal-eliġibbiltà](#): Id-dokumenti jistgħu jiġu kkonsultati minn:

f’kawża ċivili: ir-rikorrent, il-konvenut, l-intervenjent, il-partijiet interessati u r-rappreżentanti legali tagħhom (bi prokura valida);

f’kawża kriminali: il-prosekutur, il-konvenut, id-difensur, ir-rappreżentant legali tagħhom.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Permezz tal-“gateway għall-klijenti” (Ügyfélkapu).
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: M/A

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: M/A

Link: <https://eakta.birosag.hu/>

Aktar informazzjoni dwar kif tikseb dokumenti ġudizzjarji fl-Ungerija tista' tinstab [hawnhekk](#).

---

## Parteċipazzjoni fl-irkantijiet ġudizzjarji

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Fl-Ungerija, il-parteċipazzjoni fl-irkantijiet ġudizzjarji tista' ssir online fuq <https://arveres.mbvk.hu/>.

Awtorità kompetenti: L-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Uffiċjali Ġudizzjarji

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Kulħadd jista' jirreġistra malli jaċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet u jħallas it-tariffi tar-reġistrazzjoni.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Dokumenti tal-identità, karta tal-indirizz, karta tat-taxxa.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Dokumenti tal-identità, karta tal-indirizz, karta tat-taxxa.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Reġistrazzjoni: 6 000 HUF (madwar EUR 16)

Link: <https://arveres.mbvk.hu/>

Aktar informazzjoni dwar kif tiegħu sehem fl-irkantijiet ġudizzjarji fl-Ungerija tista' tinstab [hawnhekk](#).

---

## Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Individwi b'kawża ċivili li tkun għaddeja jistgħu jitolbu medjazzjoni. L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-esperti u l-medjaturi huwa possibbli permezz tas-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Is-sit web jipprovdil lill-utenti b'informazzjoni ġenerali u huwa possibbli li wiehded ifittex ir-reġistru tal-medjaturi bl-isem, il-qasam tal-għarfien espert, il-ħiliet lingwistiċi u l-kontea fejn jinsab l-uffiċċju tagħhom. Għall-entitajiet ġuridiċi, it-tfittxijiet huma bbażati fuq l-isem, il-kontea u l-isem imqassar. L-Att LV tal-2002 dwar il-medjazzjoni jkopri l-litigazzjoni ċivili, iżda jeskludi l-medjazzjoni f'azzjonijiet relatati mal-kustodja, azzjonijiet għall-konstatazzjoni tar-rabta ta' filjazzjoni, f'ċerti azzjonijiet relatati mal-kustodja tal-ġenituri, f'azzjonijiet għat-terminazzjoni tal-adozzjoni, f'ċerti azzjonijiet miġjuba għall-infurzar

ta' ċerti drittijiet tal-personalità, f'azzjonijiet impressqa biex tinbidel id-deċiżjoni ta'

skriwan tal-gvern adottati dwar materja possessorja u fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

Il-medjazzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda permezz tal-preżentazzjoni ta' formola li tista' titniżżel mis-sit web tal-[Qrati Ungeriżi](#), li warajha l-qorti tikkuntattja lill-partijiet biex jaqblu mal-ewwel laqgħa, fejn dikjarazzjoni tkun teħtieġ li tiġi ffirmata personalment.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru tal-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: L-individwi jrid ikollhom kawża ċivili li tkun għaddejja.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Id-dettalji personali (eż. l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown, eċċ) iridu jiġu pprovduti fuq il-formola li tagħti bidu għall-medjazzjoni. Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: M/A

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Il-pagament huwa soġġett għal ftehim bejn il-medjatur u l-partijiet. Jekk il-partijiet jipparteċipaw fil-medjazzjoni wara l-ewwel seduta ta' smiġħ u l-ftehim mil-huq jiġi ratifikat mill-imħallef li jippresjedi biss nofs id-dazji applikabbli huma pagabbli. Anki t-tariffa dovuta lill-medjatur + VAT (HÉA) (iżda mhux iktar minn HUF 50 000) tista' titnaqqas minn dan l-ammont diġà mnaqqas. L-unika restrizzjoni hija li l-ammont finali ta' dazju ma jstax ikun inqas minn 30 % tal-ammont oriġinali. It-tnaqqis ma japplikax jekk f'ċertu każ il-medjazzjoni ma tkunx permessa mil-liġi. Jekk il-partijiet jipparteċipaw fil-medjazzjoni quddiem proċedimenti ċivili, l-ammont ta' dazju tal-qorti pagabbli jtnaqqas bit-tariffa tal-medjatur + il-VAT, iżda b'mhux aktar minn HUF 50 000, dment li d-dazju tal-qorti mħallas ma jkunx inqas minn 50 % tal-ammont oriġinali. It-tnaqqis ma japplikax jekk il-medjazzjoni ma tkunx permessa mil-liġi fil-każ partikolari jew jekk il-partijiet imorru l-qorti minkejja s-soluzzjoni mil-huqa permezz tal-medjazzjoni (ħlief biex jingħata effett lis-soluzzjoni fin-nuqqas ta' konformità volontarja).

Link: <https://inyr.im.gov.hu/>

Aktar informazzjoni dwar l-aċċess għall-medjazzjoni fl-Ungerija hija disponibbli [hawnhekk](#) u [hawnhekk](#).

---

## Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Sabiex kumpanija tiġi rreġistrata/modifikata, id-dokumenti rilevanti jridu jintbagħtu minn rappreżentant legali fl-indirizz tal-email tal-qorti tar-reġistru tal-kontea lokali.

Sit informattiv tar-reġistru tan-negożju Ungeriż jista' jinsab [hawnhekk](#). L-informazzjoni tal-kumpanija misjuba fuq is-sit hija għal skopijiet ta' informazzjoni biss u ma tistax tintuża bħala informazzjoni uffiċjali. Is-sit uffiċjali tar-reġistru tan-negożju Ungeriż ("Servizz għall-Infurmazzjoni tal-Kumpaniji u l-Proċeduri Elettroniċi tal-Kumpaniji") jista' jinsab [hawnhekk](#), li jagħti aċċess sħiħ għad-data kollha tal-kumpaniji, madankollu huwa meħtieġ kuntratt mas-Servizz għall-Infurmazzjoni tal-Kumpaniji u l-Proċeduri Elettroniċi tal-Kumpaniji biex jintuża. Għal dan l-għan, l-informazzjoni tista' tiġi aċċessata permezz ta' distributuri li għandhom kuntratt mas-Servizz għall-Infurmazzjoni tal-Kumpaniji u l-Proċeduri Elettroniċi tal-Kumpaniji. Barra minn hekk, huwa possibbli wkoll li tintalab informazzjoni speċifika permezz tal-email b'tariffa.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru tal-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Huwa meħtieġ kuntratt għall-użu tas-sit uffiċjali.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Fil-każ tas-sit informattiv ma tkun meħtieġa l-ebda identifikazzjoni u awtentikazzjoni, filwaqt li fil-każ tal-username u l-password tas-sit uffiċjali jridu jintużaw sabiex tiġi aċċessata l-bażi tad-data.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija huwa kompletament elettroniku. Il-formola tal-applikazzjoni u d-dokumenti tal-kumpanija kollha meħtieġa (memorandum ta' assoċjazzjoni, eżempju ta' firma, eċċ.) iridu jiġu mehmuża. Id-dokumenti jridu jintbagħtu mir-rappreżentant legali tal-kumpanija permezz tal-email lill-qorti tar-reġistru lokali. Ir-rappreżentant legali jrid juża firma elettronika kwalifikata u timbru tal-ħin. Wara r-reġistrazzjoni tal-kumpanija, trid tiġi sottomessa formola lill-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika (CSO) permezz tas-sit web tagħhom stess (<https://elektra.ksh.hu/>). Il-formola tista' titniżżel mis-sit web tal-CSO. Informazzjoni oħra dwar il-proċess elettroniku tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija tista' tinstab [hawnhekk](#).

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: L-użu tas-sit informattiv tar-reġistru tan-negozju Ungeriż huwa mingħajr ħlas, filwaqt li s-sit uffiċjali huwa servizz imħallas fejn it-tariffa tvarja abbażi tat-tip ta' talba. Aktar informazzjoni tista' tinstab [hawnhekk](#). Fil-każ ta' aċċess dirett għar-reġistru tal-kumpaniji (abbażi tal-kuntratt) it-tariffi jistgħu jinstabu [hawnhekk](#).

Ir-reġistrazzjoni ta' kumpanija tiġi b'tariffa li tiddependi fuq il-proċedura użata (simplifikata jew tradizzjonali) u t-tip ta' kumpanija li għandha tiġi rreġistrata.

Skont il-proċedura simplifikata, hija tiswa:

- HUF 50 000 fil-każ ta' kumpanija privata b'responsabbiltà limitata,
- HUF 0 fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata

Skont il-proċedura tradizzjonali, hija tiswa:

- HUF 100 000 fil-każ ta' kumpanija privata b'responsabbiltà limitata,
- HUF 0 fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata
- Flimkien ma' tariffa tal-pubblikazzjoni ta' HUF 5 000.

Link: <https://ceginformacioszolgalat.kormany.hu/>

Aktar informazzjoni dwar kif tirreġistra kumpanija fl-Ungerija tista' tinstab [hawnhekk](#) u [hawnhekk](#).

---

## Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Iċ-ċertifikati taż-żwieġ, tat-twelid u tal-mewt huma disponibbli bl-Ungeriż, bl-Ingliż u bil-Franċiż. Dawn iċ-ċertifikati jistgħu jintalbu f'massimu ta' 5 lingwi, madankollu, dawn il-kopji jservu biss bħala l-bażi għal traduzzjoni uffiċjali; fihom infushom, mhumiex ċertifikati legali.

Billi ffirmat il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji, l-Ungerija impenjat ruħha li, fir-rigward tal-lingwa Kroata, Ġermaniża, Rumena, Serba, Slovakka, Slovena, Romani u l-Boyash,:

- tħalli lill-parti li tidher personalment quddiem il-qorti tuża l-lingwa reġjonali jew minoritarja tagħha mingħajr ma jkollha għalfejn tħallas kostijiet żejda biex tagħmel dan,
- tirċievi dokumenti u evidenza li għandhom jiġu sottomessi f'lingwa reġjonali jew minoritarja, bl-għajnuna ta' interpreti u tradutturi, jekk ikun meħtieġ.

---

■ L-aħħar aġġornament: 29/09/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.